# Iċ-Ċajta



Darba waħda, is-Sibt filgħaxija, il-familja Cachia kienet għadha kemm kielet platt ħaxix. Kien imiss lil Marjo biex jaħsel il-platti, il-frieket u s-skieken.

Xħin Mario kien lest mill-ħasil, kellu jagħmel il-platti f'posthom. Sadanittant, Leli u Rita faqqsilhom fellus f'moħħhom li jagħmlu ċajta fuq ħuhom Marjo. Qabdu liżar abjad karti, qabdu mqass u taqqbu żewġ toqbiet fil-liżar.

Leli libes il-liżar, filwaqt li Rita staħbiet wara l-purtiera ma' Leli. F'daqqa waħda għadda Marjo minn ħdejn il-purtiera u Leli kien pront ħareġ liebes ta' fatat, minn wara l-purtiera.

Marjo, bil-qatgħa li ħa, sar abjad silġ u waqqa' l-platti mal-art. Rita ppruvat iżżomm id-daħk imma ma felħitx iktar u wara marret tgħid b'kollox lil ommha. Ommhom ma tantx daħket u tathom kastig li ma jilagħbux għal dik il-ġimgħa talli kissrulha s-sett tal-platti li kienet qalgħet fit-tieġ.




Minn dakinhar 'l hemm dik iċ-ċajta li kienu għamlu Leli u Rita baqgħet imsemmija mar-raħal kollu għal ħafna u ħafna snin.

Kylie Sciberras – 8 snin – Ir-Raba' Sena – L-Iskola Primarja tal-Imqabba